LINJI GWIDA GĦALL-ISKEMA TA' GĦOTJA TA' *ROOF INSULATION* U ĦĠIEĠ DOPPJU (*Retrofitting* biss)

Linji Gwida għall-Applikanti

Sabiex tinkoraġġixxi iktar l-użu effiċjenti tal-enerġija fis-settur domestiku, tnehdiet din l-iskema ta' għotja. Din l-iskema hija ffinanzjata minn Fondi Nazzjonali.

SKEMA TA' GĦOTJA

Introduzzjoni

L-applikazzjoni għal għotja ssir mill-applikant, u l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti kuntrattwali jsiru bejn l-applikant u l-amministraturi tal-iskema (ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma). Il-formola tal-applikazzjoni hi maqsuma f'żewġ partijiet. L-applikanti għandhom jimlew Parti A tal-applikazzjoni bid-dettalji personali tagħhom. Parti A għandha timtela' u tiġi sottomessa lil REWS qabel ix-xiri u l-installazzjoni tal-materjal, u Parti B għandha timtela' u tiġi sottomessa lil REWS meta l-materjal ikun installat u kkummisjonat.

Parti A għandha tiġi pproċessata u l-fondi disponibbili għandhom jiġu allokati skont l-Avviż tal-Gazzetta tal-Gvern ippubblikata mir-REWS. Fondi għall-iskema huma limitati u l-applikazzjonijiet huma proċessati fuq bażi ta' *first-come first-served*. M'hemm l-ebda garanzija li l-applikazzjonijiet kollha jiġu aċċetati, anki jekk il-kriterji ta' eliġibilità kollha jkunu sodisfatti.

Kif Tapplika għall-Iskema ta' Għotja ta' *Roof Insulation* u Ħġieġ Doppju

L-ewwel Pass

Aqra l-linji gwida dwar kif tapplika għall-iskema tal-għotja ta' *Roof Insulation* u Ħġieġ Doppju.

It-tieni Pass

Ikkuntatja fornituri eliġibbli tas-sistemi sabiex jgħinnuk tivvaluta t-talbiet tiegħek, jitwettaq reviżjoni dwar l-użu tal-enerġija u jiddeterminaw t-tip u d-daqs addattat tas-sistema meħtieġa. Huwa rrakkomandat li l-applikant jagħmel kuntatt ma' iktar minn fornitur potenzjali wieħed.

2023/RIDG

It-Tielet Pass

Hija r-responsabbilità tal-applikanti li jiżguraw li jkollhom il-permessi tal-ippjanar meħtieġa għall-installazzjoni tagħhom (fejn applikabbli).

Ir-raba' Pass

Imla Parti A tal-formola tal-applikazzjoni għall-iskema ta' għotja onlajn jew issottomettiha lil REWS. F'dan l-istadju, jekk il-kriterji kollha jkunu sodisfatti, approvazzjoni instantanja tiġi pprovduta permezz ta *email*. Din tikkonferma li l-fondi għadhom disponibbli u ġew ibbukjati.

Nota importanti:
Irċevuti fiskali datati qabel it-tnedija tal-iskema ma jistgħux jitqiesu bħala eliġibbli għal għotja taħt din l-iskema.

Il-ħames Pass

F'każ li l-applikazzjoni tiġi aċċettata:

Jekk il-kriterji tal-iskema jkunu sodisfatti u l-applikazzjoni tintlaqa', l-applikant jirċievi **ittra ta' konferma tal-fondi**. F'dan l-istadju, biss, il-fondi huma kkonfermati li għadhom disponibbli u ġew ibbukkjati. Id-dettalji tal-applikazzjonijiet li jintlaqgħu jistgħu jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku.

F'każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda:

Ittra ta' ċaħda tintbagħat lill-applikanti li ma jkunux konformi. F'din l-ittra tiġi indikata r-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tkun ġiet miċħuda. Talbiet għal reviżjoni tad-deċiżjoni minn applikanti miċħuda jiġu assessjati mill-Kumitat ta' Reviżjoni, maħtur speċifikament sabiex jikkonsidra oġġezzjonijiet dwar deċiżjonijiet meħuda taħt din l-iskema. L-applikanti jiġu infurmati bid-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni.

Is-sitt Pass

Meta l-installazzjoni ta' *Roof Insulation* u/jew Ħġieġ Doppju tkun lesta, għandha timtela' Parti B tal-formola tal-applikazzjoni tal-iskema tal-għotja, inkluż id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u jkunu sottomessi lil REWS. Parti B trid tasal għand ir-REWS sa mhux iktar tard mid-data indikata fl-ittra ta' konferma tal-fondi.

Is-seba' Pass

Ir-REWS jassessja l-applikazzjoni tal-iskema tal-għotja Parti B u d-dettalji tas-sistema installata mal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni Parti A.

2023/RIDG

It-tmien Pass

Il-pagamenti tal-iskema tal-għotja jkunu pproċessati wara li r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma jkun irċieva l-applikazzjoni tal-iskema tal-għotja Parti B mimlija kollha kemm hi u b'mod korrett, inkluż id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. L-għotja titħallas lil applikant permezz ta' trasferiment bankarju maħruġ minn REWS. Għal dan il-għan ir-REWS jagħmel użu mid-dettalji bankarji pprovduti mill-applikant. Hija r-responsabbilità tal-applikant li jiżgura li d-dettalji tal-kont tal-bank ikunu korretti.

Id-disa' Pass

Wara li jkun sar il-ħlas, l-applikant xorta jkun meħtieġ jipparteċipa fi kwalunkwe awditjar li jista' jsir matul il-perjodu ta' durabilità.

1. Interpretazzjoni

F'din l-Iskema, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor:

'Applikant' tfisser kwalunkwe persuna, li ressqet applikazzjoni għal għotja skont it-termini ta' din l-Iskema, hi residenti f'Malta, għandha 18-il sena jew aktar fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, u li għandha Karta tal-Identità skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità artiklu 2, Kap.258;

'applikazzjoni' tfisser applikazzjoni għal għotja, magħmula skont kif mitlub u skont it-termini ta' din l-iskema;

'data ta' ordni' tfisser id-data tal-ewwel irċevuta fiskali oriġinali;

'data tax-xiri' tfisser id-data tal-aħħar irċevuta fiskali oriġinali relatata mix-xiri, provdut li din id-data mhux iktar tard minn sena wara d-data tal-ordni;

'użu domestiku' tfisser l-użu tas-sistema fi proprjetà residenzjali, liema proprjetà tintuża mill-applikant għal skopijiet biss residenzjali jew ta' abitazzjoni, u li ma tinkludix l-użu minn sidien tal-kera jew żviluppaturi, jew persuni li jwettqu attività ekonomika fil-post fejn se tiġi installata s-sistema;

'ħġieġ doppju' tfisser apertura li tikkonsisti minn żewġ saffi ta' ħġieġ separti bi spazju, imwaħħlin sabiex inaqqsu telf ta' sħana, u liema apertura ġiet mixtrija minn Malta;

'durabilità tal-iskema' tfisser il-perjodu bejn u jinkludi d-data effettiva u d-data ta' terminazzjoni;

2023/RIDG

‘data effettiva’ tfisser id-data tal-pubblikazzjoni tal-Avviż tal-Gvern fil-Gazzetta tal-Gvern;

‘irċevuta fiskali’ tfisser irċevuta kif definita fit-Tlettax-il Skeda ta’ Kapitlu 406 – l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Att XXIII tal-1998 kif sussegwentement emendat – u tinkludi wkoll kwalunkwe regolament maħruġ taħt l-istess Att;

‘Malta’ tfisser il-Gżejjer Maltin;

‘sid’ tinkludi ‘sidien konġunti’, ‘enfitewta’ tinkludi ‘enfitewti konġunti’ u ‘kerrej’ tinkludi ‘kerrejja konġunti’, u ‘enfitewta’ tinkludi ‘sub-enfitewta’ u ‘kerrej’ tinkludi ‘sub-kerrej’;

‘Regolatur’ u ‘REWS’ ifissru r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kif stabbilit mill-Att tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (ATT XXV) tal-2015;

‘materjal ta’ roof thermal insulation’ tfisser tip ta’ materjal introdott b’mod permanenti fil-kostruzzjoni tal-bejt ta’ residenza sabiex ittejjeb ir-reżistenza għal mogħdija tas-sħana f’binja, u liema materjal jinxtara minn Malta;

‘bejjiegħ’ tfisser bejjiegħ li huwa reġistrat mar-Regolatur bħala bejjiegħ f’Malta, ta’ prodotti eliġibbli għal finijiet u skont it-termini ta’ din l-iskema;

‘sistema’, ‘prodott’ jew ‘tagħmir’ huma użati b’mod interkambjabbli u tfisser materjal ta’ *roof thermal insulation* jew twieqi u bibien bi ħġieġ doppju approvati mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kif eliġibbli fl-iskema, li jissodisfaw ir-rekwiżiti elenkati fl-Iskeda I hawn taħt, li huma mixtrija minn Malta, fid-data effettiva jew wara, sakemm iddum l-iskema;

‘data ta’ terminazzjoni’ għandha tfisser id-data li l-applikazzjonijiet jieqfu milli jiġu pproċessati kif indikat fl-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;

‘int’ jew ‘tiegħek’ jirreferi għall-individwu msemmi bħala l-applikant fl-applikazzjoni.

2. Ambitu ta’ applikabilità

Din l-Iskema tapplika għall-ispiża li tkun intnefqet għax-xiri ta’ prodott għal użu domestiku magħmulha mingħand bejjiegħ reġistrat f’Malta u installat f’Malta, li għalih tkun saret applikazzjoni fid-durabilità tal-Iskema tal-Għotja. Ma jitħallsux għotjiet fir-rigward ta’ teknoloġiji installati f’*caravans*, dgħajjes, u *boathouses*.

3. Applikant Eliġibbli

Sabiex ikun eliġibbli, l-applikant irid:

2023/RIDG

- ikollu permess tal-ippjanar (fejn meħtieġ) għall-installazzjoni. Il-bini għandu jkun kopert minn permess tal-ippjanar;
- irid ikun is-sid tal-proprjetà ħielsa JEW is-sid ta' interess ta' kera fit-tul tal-proprjetà (ċjoè perjodu ta' kirja li jeċċedi iktar mill-perjodu ta' 5 snin li fadal) bil-kunsensi kollha neċessarji mingħand is-sid tal-proprjetà. Jekk l-applikant ikun sid konġunt tal-proprjetà, l-applikant hu intitolat li japplika għal għotja għan-nom tas-sidien konġunti l-oħra sakemm dawn ikunu qablu li l-applikant jagħmel dan u sakemm ikun konformi kif meħtieġ ma' dawn it-termini u l-kundizzjonijiet kollha. Il-proprjetà trid tkun użata prinċipalment mill-applikant jew mill-familja tal-applikant għall-iskop tar-residenza privata tiegħu stess. L-applikant mhux intitolat jirċievi għotja jekk il-proprjetà hi użata prinċipalment għal skopijiet ta' negozju, inkluż il-kiri tal-proprjetà fuq bażi kummerċjali (anke jekk il-kerrej se juża l-proprjetà għal skop residenzjali);
- irid ikun residenti ta' Malta u għandu Karta tal-Identità skont l-Att tal-Karta tal-Identità jew permess ta' residenza;
- ma jistax jikseb għotjiet jew sussidji oħra għal din is-sistema jew minn kwalunkwe skema oħra li tinkludi fondi nazzjonali jew pubbliċi bħal fondi tal-Gvern ta' Malta jew fondi tal-UE;
- tinstalla s-sistema f'bini residenzjali li mhux użat mill-applikant biex iwettaq attività ekonomika jew bħala intrapriża;
- m'għandux ikun qed japplika għan-nom ta' intrapriża u m'għandux ikun sid il-kera tal-proprjetà fejn hi installata s-sistema;
- jipprovdi lir-REWS dettalji ta' kont bankarju sabiex l-ammont tal-għotja jkun jista' jiġi trasferit direttament fil-kont tal-applikant;
- jippermetti Awdituri tar-REWS, jagħmlu spezzjoni fuq il-post tal-materjal fejn ġie installat u jiffaċilitaw dawn l-ispezzjonijiet;
- jaċċetta li isem l-applikant flimkien mal-ammont ta' għotja eliġibbli jistgħu jidhru fuq dokumenti pubbliċi.

Membri oħra tal-istess dar li diġà bbenefikaw minn, jew li għandhom offerta ta' għotja miftuħa taħt skema simili ta' *Roof Insulation* u Ħġieġ Doppju, mhumiex eliġibbli biex japplikaw għal għotja.

Membri oħra tal-istess dar ma jistgħux japplikaw għal għotja fir-rigward tal-istess teknoloġija (i.e. *roof insulation* u/jew ħġieġ doppju).

Ir-REWS jirriserva d-dritt li jirrifjuta l-għotja u jieħu azzjoni legali sabiex jikseb lura l-ammont mogħti tal-għotja bl-interessi u kwalunkwe spejjeż oħra mġarrba f'każ:

- informazzjoni skorretta tkun iddikjarata mill-applikant f'din l-applikazzjoni;
- xi kundizzjonijiet tal-iskema ma jiġux sodisfatti;
- l-għotja diġà ġiet mogħtija;

2023/RIDG

- raġunijiet oħra fejn l-intenzjoni 'bona fide' tal-applikant hija manifestament nieqsa.

4. Spiża Eliġibbli

In-nefqa li għandha tiġi rrappurtata fir-rigward tal-prezz tax-xiri tas-sistema kif muri fuq l-irċevuta fiskali oriġinali.

L-ispejjeż eliġibbli huma:

- Għal *roof insulation* (*retrofitting* biss): Spiża tal-materjal tar-*roof insulation* kif ukoll tal-iffisar tiegħu fuq il-bejt inkluż il-VAT, iżda eskluż:
  a. l-ispiża ta' kwalunkwe garanzija estiża lil hinn mill-garanzija standard li l-installaturi huma meħtieġa jipprovdu mingħajr ħlas;
  b. l-ispiża ta' kwalunkwe materjali oħra, xogħlijiet jew spejjeż oħra bħal iżda mhux limitati biss għal kwalunkwe tqegħid ta' *roof compounds*;
  c. spejjeż ta' permessi u ċertifikazzjoni;
  d. *cement* normali/kontrabejt;
  e. *stone chippings* użati għat-torba;
  f. *structural membranes* f'*concrete steel* (bħal *corrugated steel sheeting* sakemm dan tal-aħħar mhuwiex *factory bonded* mar-*roof insulation*);
  g. ġebel naturali u injam;
  h. *bituminous* jew *rubberised roofing membranes* u *compounds* inkluż żebgħa għal protezzjoni mill-UV;
  i. xbieki agrikoli tad-dell;
  j. madum tac-*cement*, ċeramika jew materjal ta' ġebel naturali;
  k. kwalunkwe apparat tad-dell.

- Għal Ħġieġ Doppju (*retrofitting* biss): Spiża tal-apertura bi ħġieġ doppju kif ukoll tal-iffisar tagħha fuq il-post inkluż il-VAT, iżda eskluż;
  a. l-ispiża ta' kwalunkwe garanzija estiża lil hinn mill-garanzija standard li l-installaturi huma meħtieġa jipprovdu mingħajr ħlas;
  b. l-ispiża ta' kwalunkwe materjali oħra, xogħlijiet jew spejjeż oħra bħal iżda mhux limitati biss għal kwalunkwe tikħil jew dekorazzjoni fis-sit, u manutenzjoni ġenerali fil-proprjetà;
  c. spejjeż ta' permessi u ċertifikazzjoni.

5. Teknoloġija Eliġibbli

Il-prodott magħżul għandu jkun reġistrat ma' REWS. Il-lista reġistrata tal-manifatturi u l-mudelli se tkun aċċessibbli fuq www.rews.org.mt[1]. Il-manifattur tal-prodott hu l-kumpanija li tagħmel il-prodott. Il-mudell huwa l-verżjoni tal-prodott li ġie magħżul għal użu. Hija r-responsabbilità tal-applikant li jiżgura li jintużaw prodotti approvati.

[1] Il-lista reġistrata tista' tinkiseb ukoll mill-uffiċini ta' REWS.

2023/RIDG

6. Metodu ta' applikazzjoni u provi dokumentarji

(i) Applikazzjonijiet (Parti A (Applikazzjoni għall-Għotja) u Parti B (Talba għar-Rimbors)) taħt din l-Iskema għandhom jiġu sottomessi onlajn, bil-posta jew bl-idejn personalment mill-applikant jew minn membru adult li joqgħod fl-istess dar tal-applikant fl-uffiċini tar-REWS waqt il-perjodu kif stabbilit fl-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

(ii) Il-bejjiegħa huma meħtieġa li jirreġistraw it-tagħmir tagħhom hekk kif dan ikun disponibbli għall-bejgħ.

(iii) L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha, id-dettalji u d-dokumenti msemmija fil-formola tal-applikazzjoni u skont it-termini ta' din l-Iskema. L-applikazzjonijiet kif sottomessi jkunu l-bażi li fuqha tittieħed id-deċiżjoni jekk tiġix aċċettata jew le, u ma tistax tiġi mibdula.

(iv) Huma biss dawk l-applikazzjonijiet li jinstabu konformi mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din l-Iskema li jkunu eliġibbli għall-ħlas tal-għotja kif riferut f'paragrafu 8 tal-Iskema.

(v) Ir-REWS jeħtieġ id-dettalji kollha kemm huma (mimlija fil-formoli relevanti jew mehmuża kif mitlub) biex ikun jista' jevalwa l-applikazzjonijiet, u jirriżerva d-dritt li jissospendi l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet li mhumiex kompluti sakemm id-dettalji kollha neċessarji jiġu provduti. Ir-REWS jinforma lil kull applikant affettwat bid-dettalji meħtieġa sabiex tkun kompluta l-applikazzjoni. Ir-REWS jista' jikkuntattja Dipartimenti tal-Gvern oħra biex jivverifika li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjonijiet hija korretta.

7. Skadenza sabiex tintalab l-Għotja

L-għotjiet huma validi għal **sitt xhur** mid-data tal-ittra ta' konferma ta' fondi.

Jekk jogħġbok ikkonferma mal-installatur kwalifikat tiegħek id-data għall-installazzjoni tal-prodott tiegħek. Jekk l-installazzjoni ma tkunx kompluta fiż-żmien stipulat, l-għotja tiskadi u t-talba ma tkunx tista' ssir. Jekk wieħed ma jistax jinstalla l-prodott fil-limitu taż-żmien imsemmi hawn fuq, tissottomettix applikazzjoni għal għotja f'dan iż-żmien. Aħna nilqgħu l-applikazzjoni meta tkun lest biex tinstalla, suġġett għad-disponibbiltà tal-fondi u d-data tat-terminazzjoni tal-iskema.

8. Għotja pagabbli taħt din l-Iskema

2023/RIDG

Ir-rata u l-għotja applikabbli huma stipulati fl-Avviż tal-Gazzetta tal-Gvern li fih tħabbret din is-sejħa.

9. Hlas tal-Għotja

Ġaladarba l-kriterji kollha jkunu sodisfatti u l-applikazzjoni tkun ġiet approvata, l-applikazzjoni tgħaddi għall-pagament, u jsir trasferiment bankarju li jirrappreżenta l-ammount relevanti tal-għotja. L-għotja titħallas lill-applikant permezz ta' trasferiment bankarju **BISS**.

10. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa sakemm ma tkunx mimlija u kompleta u sakemm ma jkollhiex l-informazzjoni kollha u hija akkumpanjata mid-dokumetazzjoni kollha mitluba fiha.

11. Tul ta' żmien tal-Iskema

Applikazzjonijiet għal din is-sejħa jistgħu jintlaqgħu validament mid-data tal-publikazzjoni tal-Avviż tal-Gvern sad-data stipulata fil-Gazzetta tal-Gvern. L-iskema tista' tiġi mmodifikata jew tterminata qabel dik id-data, permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġġedded kif jista' jitqies meħtieġ mir-REWS anki permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Emendi fl-Iskema

Ir-REWS għandu d-dritt li jagħmel kwalunkwe emendi lil din l-Iskema, permezz tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern jew jippubblika kjarifiki fir-rigward tal-Iskema billi jippubblika tali kjarifiki fuq is-sit elettroniku tiegħu www.rews.org.mt

13. Perjodu ta' operazzjoni

Ir-Regolatur irid jiżgura li l-fondi li jamministra jipprovdu ċertu ammont ta' benefiċċji ambjentali. Għal dan il-għan, waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja hi li l-prodott jibqa' installat u fl-użu, u ma jkunx modifikat b'tali mod li tiġi degradata l-prestazzjoni tiegħu, għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara l-installazzjoni. Hija responsabbiltà tal-applikant li jiżgura li din il-kundizzjoni tkun sodisfatta. Il-bejjiegħ għandu għaldaqstant jinkludi 5 snin garanzija fuq is-sistema. Ir-REWS jew awtoritajiet nazzjonali oħra jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post matul dan il-perjodu ta' ħames snin sabiex jaċċertaw li l-prodott għadu fil-post.

14. Awditjar

2023/RIDG

Ir-REWS u awtoritajiet nazzjonali oħra, għandhom id-dritt li jekk ikun hemm bżonn, jivverifikaw li kwalunkwe għotjiet imħallsa mir-REWS jintużaw għall-iskopijiet intenzjonati mill-istess skema ta' għotja. Għaldaqstant, l-applikant għandu jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' żamma ta' rekords u spezzjoni kif spjegati fil-paragrafi li ġejjin.

(a) L-applikanti għandhom iżommu rekord tad-dokumentazzjoni kollha relevanti miksuba fir-rigward tat-teknoloġija u l-installazzjoni tagħha, inkluż b'mod partikolari kwalunkwe stimi u fatturi mingħand l-installatur relevanti jew xi kuntratturi oħra involuti fix-xogħol ta' installazzjoni. L-applikanti għandhom iżommu dawn ir-rekords għall-perjodu tal-inqas 5 snin wara l-ħlas tal-għotja u jekk ir-REWS jitolbok tagħmel dan fi kwalunkwe ħin (u sakemm jingħata avviż xieraq minn qabel) trid tippermetti lir-rappreżentanti awtorizzati tar-REWS u/jew l-aġenti tagħha u/jew kwalunkwe korp nazzjonali ta' awditjar sabiex jispezzjonaw u jieħdu kopji ta' dawn ir-rekords.

(b) Jekk ir-REWS jitolbok tagħmel dan fi kwalunkwe ħin (u sakemm jingħata avviż xieraq minn qabel) trid tippermetti lil REWS u l-*inspectors* awtorizzati tagħha jew rappreżentanti oħra li jkollhom aċċess għall-proprjetà għal fini li jispezzjonaw il-prodott u/jew jivverifikaw jekk il-miżuri tal-effiċjenza tal-enerġija meħtieġa minn dawn it-termini u l-kundizzjonijiet ġew stabbiliti.

(c) Jekk ir-REWS jitolbok tagħmel dan fi kwalunkwe ħin, trid tipprovdi informazzjoni addizzjonali u kooperazzjoni kif jista' jkun rikjest minn REWS għal finijiet tar-REWS, moniteraġġ tal-użu tal-enerġija tal-proprjetà u/jew il-prestazzjoni tat-teknoloġija. Ir-REWS ikun intitolat li juża din l-informazzjoni, fost affarijiet oħra, għal finijiet ta' publikazzjoni ta' rapporti fir-rigward ta' prodotti relevanti.

15. Protezzjoni tad-Data

L-informazzjoni personali provduta hija protetta u tintuża skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data. L-informazzjoni mogħtija fuq din il-formola tal-applikazzjoni tkun użata u kondiviża minn/mar-REWS u l-aġenti tagħha, il-Ministeru tal-Finanzi, id-dipartiment tal-VAT u entitajiet governattivi oħra involuti fl-amministrazzjoni u s-superviżjoni tal-iskema. Ir-REWS tista' wkoll tuża din l-informazzjoni biex turi xejriet ta' trasformazzjoni fis-suq.

Ir-REWS jista' jiċċekkja l-informazzjoni mogħtija mill-applikant ma' awtoritajiet relevanti u/jew entitajiet governattivi f'Malta.

16. Konformità mal-leġiżlazzjoni

2023/RIDG

Għandu jkun żgurat li l-installazzjoni (u l-bini fejn tinsab l-installazzjoni) tkun konformi b'permess tal-iżvilupp validu, jew huwa żvilupp permessibbli taħt l-Ordni ta' Notifika tal-Iżvilupp.

L-applikanti huma obbligati li jiżguraw li, huma u jwettqu kwalunkwe attività f'konnessjoni mal-installazzjoni u l-użu tat-teknoloġija, l-applikant u kull min jaġixxi f'isem l-applikant, ikunu konformi mal-liġijiet u r-regolamenti kollha applikabbli. Din l-għotja hija soġġetta għall-konformità mal-leġiżlazzjoni Maltija. Barra minn hekk, l-għotja hi mogħtija lill-applikant personalment u tista' tiġi trasferita biss b'każ ta' mewt tal-applikant jew trasferiment tal-proprjetà, f'liem każ il-kuntratt tal-bejgħ/donazzjoni/separazzjoni irid jispeċifika t-termini tal-obbligi mill-applikant għas-sid il-ġdid tal-bini. L-għotja ma tikkonferixxi ebda drittijiet. Ir-REWS ma jitlef l-ebda dritt li għandu taħt dawn it-termini u l-kundizzjonijiet f'każ li ma jeżerċitax tali dritt jew idum biex jeżerċitah.

17. Responsabbiltà

Ir-REWS ma jistax u ma jiggarantixxix jew jissottoskrivi l-prestazzjoni ta' kwalunkwe teknoloġija, u l-applikanti għandhom jaċċertaw irwieħhom li l-bejjiegħ u l-installatur magħżula jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja relatata mal-kopertura tal-garanzija li jkunu se jipprovdu.

F'każijiet fejn il-fornitur ma jkunx konformi ma' kwalunkwe dispożizzjonijiet stabbiliti fl-iskema, l-fornitur/installatur għandu jkun obligat li jew ibiddel it-tagħmir sabiex l-installazzjoni/jiet tkun/ikunu skont id-dispożizzjonijiet tal-iskema jew iħallas l-għotja lill-konsumatur aħħari. Dan ma jeskludix il-possibbilità li l-konsumatur aħħari jista' jieħu azzjoni legali kontra l-bejjiegħ sabiex jipprovdi t-tagħmir kif rikjest oriġinarjament.

2023/RIDG

Skeda I

- Għal ħġieġ doppju, il-bejjiegħ irid jippreżenta ċertifikat mill-manifattur li juri l-K value (*thermal conductivity)*. Għal ħġieġ doppju il-U value finali għandu jkun ekwivalenti għal 3.7W/m^2K jew aħjar. L-installatur għandu jiċċertifika l-ispazju tal-aperturi bi ħġieġ doppju.

- Għal *roof insulation* il-bejjiegħ irid jippreżenta ċertifikat mill-manifattur li juri l-K value (*thermal conductivity*). Il-U-value finali tar-*roof insulation* installat m'għandux ikun iktar minn 0.4 għal bejt sħiħ. Ċertifikat mingħand il-perit għandu jkun preżentat sabiex jikkonferma l-U-value finali tar-*roof insulation.*

2023/RIDG